



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.3.2021
COM(2021) 138 final

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Angola dwar il-faċilitazzjoni tal-investment

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Fid-19 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill adotta d-deċiżjoni¹ li temenda d-direttivi ta' negozjati għan-negozjar ta' Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika (FSE) mal-pajjiżi u r-reġjuni Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP), sa fejn dawn jaqgħu fil-kompetenza tal-Unjoni (“id-direttivi ta' negozjati tal-2019”). Dawk id-direttivi ta' negozjati ġodda aġġornaw il-mandat wiesa' u d-direttivi ta' negozjati maħruġa mill-Kunsill fit-12 ta' Ġunju 2002 (9930/02).

Skont l-ewwel paragrafu tat-taqsimha 6.2 tad-direttivi ta' negozjati emendati, huwa ddikjarat: *“Investiment. F'konformità mal-obiettiv li “jitnaqqas u eventwalment jinqered il-faqar konsistenti mal-obiettiv ta' żvilupp sostenibbli” (u fir-rigward tal-Artikoli 1, 29, 75 sa 78, u tal-Anness II tal-Ftehim ta' Cotonou u d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehim suċċessur tiegħu, ladarba jkun applikabbli) il-partijiet jaqblu li jistabbilixxu qafas regolatorju li għandu jiffaċilita, itejjeb u jstimula investiment sostenibbli ta' benefiċċju reċiproku bejniethom, filwaqt li jqisu l-inizjattivi multilaterali dwar il-faċilitazzjoni tal-investment. Dan il-qafas ser ikun ibbażat fuq prinċipji ta' nondiskriminazzjoni, ftuħ, trasparenza u stabbiltà. Il-partijiet ser irawmu l-iżvilupp ta' ambjenti ta' investiment attraenti u stabbli billi jappoġġaw regoli stabbli u trasparenti għall-investituri, u jfittxu li jtejbu l-inklużjoni finanzjarja u l-aċċess għall-finanzi.”*

L-Angola għadha mhijiex parti mill-FSE bejn l-UE u l-grupp tal-SADC aderenti mal-FSE² u dak il-ftehim ma fihx dispożizzjonijiet dwar il-faċilitazzjoni tal-investment.

F'dikjarazzjoni kongunta³ datata t-8 ta' Settembru 2020, il-Viċi President Eżekuttiv tal-Kummissjoni Ewropea, Valdis Dombrovskis u l-Ministru tal-Kummerċ u l-Industrija tal-Angola, Victor Fernandes, ħarġu dikjarazzjoni konġunta li tikkonferma *“l-intenzjoni tagħhom li jibdew diskussjonijiet esploratorji dwar ftehim ta' investiment bejn l-UE u l-Angola, minbarra l-FSE, li jiffoka fuq il-faċilitazzjoni tal-investment.”*

Skont id-direttivi ta' negozjati eżistenti kif aġġornati fl-2019, il-Kummissjoni hija awtorizzata mill-Kunsill biex tinnegozja, mal-pajjiżi u r-reġjuni tal-AKP, Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika li jkopru firxa wiesgħa ta' suġġetti, inklużi dispożizzjonijiet relatati mal-faċilitazzjoni tal-investment⁴. Fid-dawl ta' dan, u tar-rieda min-naħa tal-Angola li tinnegozja ftehim mal-UE dwar din il-kwistjoni, il-Kummissjoni tirrakkomanda **l-ftuħ ta' negozjati mal-Angola għal ftehim dwar il-faċilitazzjoni tal-investment**. Sabiex jiġu ggarantiti l-koerenza u l-konsistenza man-negozjati dwar il-faċilitazzjoni tal-investment ma' pajjiżi oħra tal-AKP, jenħtieġ li n-negozjati mal-Angola jitmexxew **abbażi tad-dispożizzjonijiet tad-direttivi ta' negozjati tal-2019, relatati mal-faċilitazzjoni tal-investment** (l-ewwel paragrafu tat-taqsimha 6,2).

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/13 tad-19 ta' Diċembru 2019 li temenda d-direttivi ta' negozjar għan-negozjati ta' Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika mal-pajjiżi u r-reġjuni Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, sa fejn dawn jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Unjoni, ĠU L 6, 10.1.2020, p. 101–111

² L-Angola tinsab fil-proċess li tingħaqad mal-FSE eżistenti bejn l-UE u l-Grupp tal-SADC aderenti mal-FSE (li attwalment jinkludi lill-Botswana, l-Eswatini, il-Lesoto, il-Mozambique, in-Namibja, u l-Afrika t'Isfel)

³ https://eas.europa.eu/headquarters/headquarters-homepage/84859/5th-angola-eu-ministerial-meeting-joint-way-forward_en

⁴ Bħalissa qed isir tali negozjar ma' ħames pajjiżi tal-Lvant u n-Nofsinhar tal-Afrika (ESA) fil-kuntest tal-“approfondiment” tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika eżistenti.

L-objettiv ġenerali ta' dan il-Ftehim ikun li jtejjeb il-klima tal-investment u jiffaċilita l-mobilizzazzjoni u ż-żamma tal-investment bejn il-Partijiet abbażi ta' regoli, miżuri u proċeduri moderni u simplifikati relatati mal-investment dirett barrani. B'hekk, il-ftehim ikun jipromwovi l-iżvilupp sostenibbli, it- tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi, u jsaħħaħ ir-relazzjoni bilaterali fl-investimenti bejn l-UE u l-Angola. Il-ftehim ikun jipprovdi wkoll pjattaforma solida minn fejn jikkontribwixxi għad-diversifikazzjoni tal-ekonomija tal-Angola u l-integrazzjoni tagħha fl-ekonomija globali.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

L-objettivi imsemmija hawn fuq huma konsistenti mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) li jistipula li jenħtieġ li l-UE “tinkoraġġixxi l-integrazzjoni tal-pajjiżi kollha fl-ekonomija dinjija, permezz tat-tneħħija gradwali tar-restrizzjonijiet fuq il-kummerċ internazzjonali”⁵.

L-objettivi huma wkoll kompletament konformi mal-objettivi tal-Ftehim ta' Cotonou u l-ftehim suċċessur tiegħu, u l-prinċipji ġenerali promossi fih.

Huwa wkoll konformi mal-istrateġija komprensiva tal-UE mal-Afrika⁶ li “*pproponiet li l-UE tiżviluppa arranġamenti aktar ambizzjużi biex tiffaċilita, tiġbed u tappoġġa l-investment fl-Afrika.*”

Din il-proposta tkun tikkomplementa wkoll in-negożjati li jinsabu għaddejjin bħalissa dwar “Faċilitazzjoni tal-Investment għall-Iżvilupp” li qed isiru fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-objettivi huma konsistenti ma' politiki oħra tal-UE, b'mod partikolari l-politika tal-iżvilupp tal-UE.

2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika proċedurali għal dan l-Att hija l-Artikolu 218(3) u (4) tat-TFUE. Meta l-Kummissjoni tirrakkomanda n-negożjar ta' ftehim internazzjonali, ma tindikax il-bażi ġuridika sostanzjali.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Is-suġġett tan-negożjati previsti jirrigwarda essenzjalment il-politika kummerċjali komuni. Skont l-Artikolu 5(3) tat-TUE, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax fl-oqsma tal-kompetenza esklużiva tal-UE. Il-politika kummerċjali komuni hija mniżżla fost l-oqsma ta' kompetenza esklużiva tal-Unjoni fl-Artikolu 3 TFUE. Din il-politika tinkludi n-negożjar ta' ftehimiet kummerċjali skont, *inter alia* l-Artikolu 207 TFUE.

Ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità, peress li l-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali hija l-istrument ewlieni biex isir impenn favur drittijiet u obbligi reċiproċi ma' suġġett tad-dritt internazzjonali bħal pajjiż barrani.

⁵ L-Artikolu 21(2)(e) TUE

⁶ Il-Komunikazzjoni Konġunta tal-2020 Lejn Strateġija komprensiva mal-Afrika <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52020JC0004&from=MT>

- **Għażla tal-istrument**

Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Minn Ġunju sa Novembru 2020, il-Kummissjoni wettqet konsultazzjoni pubblika⁷ fejn talbet il-kontribut tal-Parlament Ewropew, tal-Istati Membri, tal-partijiet ikkonċernati u tas-soċjetà ċivili għal rieżami tal-politika kummerċjali tal-Unjoni Ewropea, inkluż dwar modi kif jistgħu jissaħħu r-relazzjonijiet kummerċjali u ta' investiment tal-UE mal-pajjiżi ġirien u mal-Afrika.

Il-Kummissjoni regolarment tikkonsulta mal-partijiet ikkonċernati, fost l-oħrajn fil-Grupp ta' Esperti dwar il-Ftehimiet Kummerċjali⁸ u d-Djalogu tas-Soċjetà Ċivili⁹.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Din il-proposta tiddependi fuq għarfien espert estern miġbur fil-kuntest ta' proġett imwettaq mill-Bank Dinji u kkummissjonat mill-Kummissjoni Ewropea. Ir-rapporti identifikaw b'mod partikolari li l-investituri¹⁰ ppreżentaw, bħala fatturi kritiċi li jaffettwaw id-deċiżjonijiet ta' investiment tagħhom f'pajjiżi li qed jiżviluppaw, in-nuqqas ta' trasparenza u prevedibbiltà fit-trattament ma' aġenziji pubbliċi, il-bidla f'daqqa fil-liġijiet u r-regolamenti, u d-dewmien biex jinkisbu permessi u approvazzjonijiet tal-gvern. Dawn huma l-oqsma li jkun koperti mill-proposta.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar id-direttivi ta' negozjati tal-2019 diġà kopriet il-faċilitazzjoni tal-investiment li għandha tiġi nneozjata mal-pajjiżi u r-reġjuni tal-AKP. Id-Deċiżjoni preżenti hija rekwiżit proċedurali li fiha nnifisha mhux se jkollha impatt addizzjonali fil-konfront tad-Deċiżjoni tal-Kunsill għad-direttivi ta' negozjati tal-2019.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

L-inizjattiva tirrispetta kompletament il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

⁷ https://trade.ec.europa.eu/consultations/index.cfm?consul_id=266

⁸ <http://ec.europa.eu/trade/trade-policy-and-you/expert-groups/>

⁹ <http://trade.ec.europa.eu/civilsoc/meetdetails.cfm?meet=11531>

¹⁰ Ara *Retention and Expansion of Foreign Direct Investment, Political Risk and Policy Responses* [Lż-Żamma u l-Espansjoni tal-Investment Dirett Barrani, ir-Riskju Politiku u r-Rispons ta' Politika, dokument bl-Ingliż] Il-Bank Dinji
<http://documents1.worldbank.org/curated/en/387801576142339003/pdf/Political-Risk-and-Policy-Responses.pdf>

4. IMPATT FUQ IL-BAĠIT

Il-proposta ma għandha l-ebda impatt fuq il-baġit.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti ta' monitoraġġ, evalwazzjoni u rapportar**

Mhux applikabbli.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

- **Aspetti proċedurali**

Il-Kummissjoni se tinneozja f'isem l-UE. F'konformità mal-Artikolu 218(4) TFUE, huwa ssuġġerit li l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jaħtar kumitat speċjali li jrid jiġi kkonsultat matul in-negozjati.

Il-Parlament Ewropew se jinżamm infurmat fl-istadji kollha tal-proċedura, konformi mal-Artikolu 218(10) TFUE.

Il-Kummissjoni se tippubblika din ir-Rakkomandazzjoni hekk kif tiġi adottata.

Il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-awtorizzazzjoni ssir pubblika hekk kif tiġi adottata mill-Kunsill.

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Angola dwar il-faċilitazzjoni tal-investment

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 218(3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Jenħtieġ li jinfetħu negozjati bil-ħsieb li jiġi konkluż ftehim dwar il-faċilitazzjoni tal-investment mal-Angola.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/13¹¹ emendat id-direttivi ta' negozjati għan-negozjar ta' Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika mal-pajjiżi u r-reġjuni Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP), sa fejn dawn jaqgħu fil-kompetenza tal-Unjoni.
- (3) Sabiex jiġu ggarantiti l-koerenza u l-konsistenza fin-negozjar dwar il-faċilitazzjoni tal-investment ma' pajjiżi oħra tal-AKP, jenħtieġ li n-negozjati mal-Angola jsiru abbażi tad-direttivi ta' negozjati relatati mal-faċilitazzjoni tal-investment stabbiliti fid-Deċiżjoni (UE) 2020/13,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata tinneogzja, f'isem l-Unjoni, ftehim dwar il-faċilitazzjoni tal-investment mar-Repubblika tal-Angola.

Artikolu 2

Id-direttivi ta' negozjati huma stabbiliti fl-ewwel paragrafu tat-taqsim 6.2 tal-*addendum* tad-Deċiżjoni (UE) 2020/13.

Artikolu 3

In-negozjati għandhom isiru b'konsultazzjoni ma' [*l-isem tal-kumitat speċjali jiddaħħal mill-Kunsill*].

¹¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/13 tad-19 ta' Diċembru 2019 li temenda d-direttivi ta' negozjar għan-negozjati ta' Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika mal-pajjiżi u r-reġjuni Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, sa fejn dawn jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Unjoni (ĠU L 6, 10.1.2020, p. 101).

Artikolu 4

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President